# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' Frar 2019

**Rikors Numru : 602/2016/1 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**MG**
**Vs**
**AG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MG, datat 15 ta' Novembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hi fethet proceduri ta' medjazzjoni sabiex eventwalment tissepara minn ma' zewgha AG.*

*Illi hemm prospett reali li l-partijiet jifthemu a bazi ta' separazzjoni bonarja bejniethom izda hemm problema dwar nuqqas o meno ta' manteniment dovut lil xulxin (it-tfal taghhom huma kollha maggoreni)*

*Bazikament il-konjugi G huma pensjonanti, fejn MG tghix fuq il-beneficcji socjali biex tghaddi mentri AG, li huwa pensjonant, jghix fuq pensjoni.*

*Kemm l-esponent u zewgha huma fl-impossibilita' illi jaghtu manteniment lil xulxin minhabba l-mezzi finanzjarji taghhom kif hawn fuq indikat.*

*F'dan il-kaz l-ebda mill-partijiet ma ddekada b'xi mod u allura ma tistax ssir dikjarazzjoni f'dan is-sens fil-kuntratt ta' separazzjoni li eventwalment jigi*

*ffirmat (kieku kien hemm dekadenza ma kienx ikun hemm problema mill-att ta' beneficcji socjali ghax dawn ikomplu jinghataw).*

*Fl-istess hin jekk issir rinunzja da parti tal-esponent ghall-manteniment minghand zewgha AG (minhabba il-qaghda finanzjarja tieghu), il-Gvern jispicca ma jaghtix beneficcji socjali lill-esponent ghax jghidilha inti ma tistax tirrikorri fuq il-Gvern peress illi hemm zewgek li jista' jipprovdi minflokna. F'dan il-kaz pero' hemm il-problema finanzjarja ta' AG.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment titlob lil dina l-Onorabbli illi l-konjugi G jigu ezentati mill-obbligazzjoni illi jaghtu manteniment lil xulxin u dan sabiex huma jibqghu jippercepixxu dawk il-beneficcji socjali li qed jinghataw u sabiex b'hekk huma ikun jistghu jghaddu sabiex jiffirmaw kuntratt ta' separazzjoni, ghaliex din il-problema holqot impasse tas-sitwazzjoni taghhom, u dan taht kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**AG** xehed a fol 7 *et seqq* illi huwa pensjonant, u jippercepixxi s-somma mensili ta' circa €594 bhala pensjoni statali. Xehed li huwa jhallas €207 fis-sena bhala hlas ta' kera ghar-residenza tieghu.

**In kontro-ezami** a fol 12 xehed illi huwa meta seta', dejjem ghen lil martu.

**MG** xehdet a fol 16 *et seqq* illi hija tghix fuq il-beneficcju socjali, u m'hijiex intitolata ghal pensjoni ghaliex m'ghandiex bolol imhallsin. Spjegat li hija tippercepixxi s-somma mensili ta' €461 bhala beneficcju socjali. Qalet illi hija ghandha diversi spejjez ta' medicina, u li hija

m'ghandiex proprjeta taghha.

**Ikkonsidrat;**

Din hija talba maghmula mir-rikorrent MG sabiex l-intimat AG jigi ezentat mill-obbligu li jhallasha manteniment, talba ghal liema AG ma rregistra l-ebda opposizzjoni. Din it-talba hija bbazata espressament fuq il-fatt illi l-partijiet huma fl-impossibilita li jaghtu manteniment li xulxin, izda li l-partijiet ma ddekadewx mill-obbligu li jmantu lil xulxin. Di piu' jekk tirrinunzja ghall-manteniment, ir-rikorrenti ser titlef il-jedd ghall-beneficcju socjali minghand il-Gvern.

Illi fil-fehma tal-Qorti din it-talba hija legalment insostenibbli. Il-Qorti tqis illi l-konjugi ma jistghux jitolbu lil din il-Qorti sabiex **tezentahom mill-obbligu li jaghtu manteniment lil xulxin** sabiex ir-rikorrent tibqa' ntitolata ghall-beneficcju socjali. Il-Qorti tista' biss tiddeciedi li ebda manteniment m'ghandu jkun dovut kemm il-darba jirrizultaw ragunijiet kontemplati fil-ligi ghaliex il-manteniment m'ghandux jithallas, wara li ssir talba ghall-hlas tal-manteniment. Certament din il-Qorti ma tistghax tkun komplici mal-partijiet ghall-makkinazzjonijiet tal-partijiet biex jitrasferixxu l-obbligi legali taghhom fuq l-Istat.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi fir-cirkostanzi tichad it-talba tar-rikorrent maghmula fir-rikors tal-15 ta' Novembru 2018.**

**Fic-cirkostanzi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**